# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

It-Tnejn, 27 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (1)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

52.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ ma setgħatx tkun preżenti u talbet li tkun skużata.

52.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

52.2.1. Il-Sindku JC ressaq il-minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

52.2.1.1. Il-Kunsilli SZ għamel referenza għall-materja 51.11.1, u talab li jiżdied il-kliem "Il-Kunsill qabel." Il-Kunsill qabel.

52.2.1.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

52.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.2.4.1 li tirrigwarda *bollards* fi Triq Għar Dalam, quddiem Triq iż-Żejtun. Huwa talab li tal-inqas, sakemm dawn isiru, issir linja bajda sħiħa. Is-Sindku irrimarka li ser jagħmel ħiltu biex isir ix-xogħol mitlub.

52.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.2.5 li tirrigwarda l-bust ta' San Ġorġ Preca, sabiex possibbilment isir mill-*Arts Council*. Il-Kunsillier AC ser jagħmel kuntatt.

52.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.3.1.1 li titratta l-applikazzjoni għall-*European Mobility Week*. Huwa rrimarka li wara li evalwa l-kriterji, ma kienx hemm żmien sabiex din tinħadem. Huwa ssuġġerixxa li din tiġi amalgamata fil-proġett ta' riġenerazzjoni.

52.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.3.4.1 li titratta spazju ta' parkeġġ ħdejn ir-ristorant Alfresco. Huwa rrimarka li l-post seta' inftiehem ħażin u għaldaqstant talab konferma liema naħa.

52.2.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill ikkonferma li ssir fuq in-naħa tal-kappella. Il-Kunsill qabel ukoll li jiġu rranġati s-sinjali tat-traffiku relevanti, skont il-bżonn.

52.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.4.18.1 li titratta *Swimming Zone* fejn il-Waterpolo Club u staqsa dwar żviluppi. Huwa kien infurmat li intbagħtet it-talba iżda ma kienx hemm risposta.

52.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.4.19 li titratta l-applikazzjoni għall-ċaqliq taz-*zebra crossings* fi Triq Birżebbuġa. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.

52.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.4.20 li titratta boroż tal-iskart residenzjali li jitqegħdu fejn l-*iskip* tal-klabb tal-boċċi, u talab li tinstab soluzzjoni. Il-Kunsill qabel li l-operatur jintalab li jpoġġi l-*iskip* fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni.

52.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 51.16.1 li titratta l-fond ta' CSR tal-Freeport u staqsa jekk kienx hemm risposta. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

52.2.10. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 51.2.7 li titratta proġett tal-iSkatepark u staqsa dwar l-istadju tal-proġett. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti l-aħħar aġġornament.

52.2.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dak inhar inżammet laqgħa fl-Uffiċċju tal-President li sfortunatament ma attendiex għaliha minħabba li kien ġie mogħti l-impressjoni li din tħassret, iżda madankollu kien f'kuntatt telefoniku. Huwa informa li l-proġett avvanza konsiderevolment, u fil-ġranet li ġejjin, ser jitqegħdu l-pajpijiet tad-dwal. Kif dan ix-xogħol isir, ser jitwitta r-ramel.

52.2.11. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 51.4.10 u staqsa jekk hemmx xi pjan ta' dati mill-MTA għar-rinovazzjoni tal-latrini pubbliċi, kif ukoll staqsa dwar il-ħinijiet. Is-Sindku informa li għad ma hemmx dati. Huwa informa li wara li l-kuntrattur ġie imwissi, ma kienx hemm iktar ilmenti dwar ħinijiet.

52.2.12. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 51.4.14 li tirrigwarda l-*fencing* tal-grawnd, u staqsa dwar progress.

52.2.12.1. Is-Sindku informa li l-Kuntrattur kien ser jarmieh, iżda dan intalab li jirritornah lura. Is-Sindku informa li diġà ġew trasferiti l-pilastri u l-gradi fil-bitħa tal-*Enemed*. Huwa informa li baqa' tiġi trasferita x-xibka. Il-Kunsill qabel li dawn għadhom jinġarru mill-kuntrattur.

52.2.12.2. Il-Viċi Sindku JB informa li huwa mhux kuntent, anke għall-fatt li l-MTA lanqas biss irrispondew bil-pożizzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-MTA sabiex jirrispondi.

52.2.13. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-minuta 51.4.15.2 li titratta r-*railing* li hemm nieqes ta' Wied il-Buni. Huwa staqsa meta ħa jsir dan kif infurmat mis-Sindku stess, mill-garaxx tal-Gvern. Is-Sindku irrimarka li dawn ser jaqduna kif ikunu jistgħu. Il-Kunsill qabel li dan isir minn kuntrattur b'mod immedjat.

52.2.14. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 51.10 li tirrigwarda l-festa. Huwa informa li kien iddisgustat għall-fatt li fi Triq il-Brolli, il-banda tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, daqqew marċ partikolari, u bdew joffendu lill-familji. Huwa qal li dan l-aġir mhux aċċettabbli, u li l-marċ partikolari li indaqq, m'għandux jindaqq.

52.2.14.1. Il-Kunsiller AC informa li ser jitlob lil-Għaqda jiddiskutu din il-materja.

## 52.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

52.3.1. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mibgħuta mis-sid ta' stabbiliment kummerċjali li ser jiftaħ f'Misraħ is-Summit, fejn talab sabiex il-bankina tingħata wiċċ ġdid mill-operatur.

52.3.1.1. Il-Kunsill ma laqax it-talba li tinqala' l-bankina eżistenti u jsir wiċċ ġdid, iżda qabel li jekk hu l-każ, issir manutenzjoni fuq il-bankina preżenti.

52.3.2. Is-Sindku JC għamel referenza għall-talba imressqa mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa sabiex isir *barbeque* fil-pjazza tal-knisja, in-naħa tal-*bus-stop.*

52.3.2.1. Il-Kunsill qabel mal-ħruġ tal-permess, bil-kundizzjoni li ma jsirx tisjir barra, u kundizzjonijiet oħra ġenerali tal-Kunsill.

52.3.3. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mingħand *Recycling Malta Textile* fejn offrew servizz ta' ġbir ta' tessuti permezz ta' allokazzjoni ta' kontenituri, kif ukoll bieb bieb, u dan is-servizz ikun marbut b'kuntratt.

52.3.3.1. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' ġbir ta' tessuti bieb bieb, iżda ma sab l-ebda oġġezzjoni għal-tpoġġija ta' kontenituri.

52.3.3.2. Il-Kunsill qabel li ma jiġi iffirmat l-ebda kuntratt.

52.3.4. Is-Sindku JC ressaq korrispondenza mingħand *ReFab Textile Recycling* fejn offrew li apparti s-servizz ta' ġbir ta' tessuti permezz ta' allokazzjoni ta' kontenituri li diġa' qed jagħmlu fil-lokalita', jiġi introdott servizz ta' ġbir ta' tessuti bieb bieb. L-istess organizzazzjoni pproponiet li s-servizzi li joffru ikun marbut b'kuntratt.

52.3.4.1. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' ġbir ta' tessuti bieb bieb, iżda ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar it-tpoġġija ta' kontenituri.

52.3.4.2. Il-Kunsill qabel li ma jiġi iffirmat l-ebda kuntratt.

52.3.5. Is-Sindku JC ressaq talba mingħand resident fejn talab li jiġi rimborsat għal spejjeż li għamel biex irranġa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu.

52.3.5.1. Is-Sindku JC irrimarka li meta huwa kien tkellem mar-resident, huwa sempliċiment ta l-approvazzjoni sabiex isir ix-xogħol, iżda mhux li l-Kunsill ser iħallas.

52.3.5.2. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li għandu jżomm mad-deċiżjoni preċedenti.

52.3.6. Is-Sindku JC tkellem dwar iż-żona miftuħa biswit ir-ristorant Ferretti fejn kien hemm diskussjoni dwar aċċess fuq art pubblika.

52.3.6.1. Il-Kunsill qabel li ż-żona għandha tibqa' kif kienet qabel, u għaldaqstant miftuħa għall-pubbliku bla restrizzjonijiet.

52.3.7. Is-Sindku JC ressaq talba mibgħuta minn *Water Services Corporation* sabiex jitneħħa parkeġġ f'Dawret il-Qalb Imqaddsa, minħabba li qed jostakola tappiera tal-*main* tad-drenaġġ.

52.3.7.1. Il-Kunsill qabel li jiġu aġġustati l-linji ta' parkeġġ sabiex it-tappiera ma tkunx ostakolata u fl-istess ħin ma jintilifx spazju ta' parkeġġ.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

52.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku JC meta jsir tindif tal-pjazza tal-knisja, minħabba li nnota xi nuqqasijiet.

52.4.1.1. Is-Sindku JC informa li din issir kuljum mill-kuntrattur, u b'żieda ma' dan, terġa' titnaddaf minn ħaddiem tal-Kunsill f'ħin ieħor.

52.4.2. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku JC dwar tindif fi Triq F.M. Ferretti inti u dieħel mit-*traffic lights* peress li jidher li mhux qed titnaddaf biżżejjed.

52.4.2.1. Is-Sindku informa li ser jivverifika.

52.4.3. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku jekk sarx progress fir-rigward ta' ilmenti riċevuti dwar il-ġbir ta' skart.

52.4.3.1. Is-Sindku informa li jidher li l-kuntrattur il-ġdid qed jingrana tajjeb, u dan jidher min-numru ta' ilmenti li naqsu drastikament. Huwa iżda fakkar li dan ix-xogħol għaddej b'mod temporanju, sakemm jinqata' l-appell dwar din l-offerta.

52.4.4. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku jekk innutax progress fuq it-Trasport Pubbliku.

52.4.4.1. Il-Kunsill innota li l-ilmenti naqsu, u dan jista' jkun b'riżultat ta' azzjonijiet meħuda mill-Awtorita' responsabbli. Il-Kunsill qabel iżda li ssir verifika, hux ser jittieħdu iktar miżuri hekk kif tibda l-iskola u jiżdiedu l-persuni li jużaw is-servizz.

52.4.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-proċess ta' twaħħil ta' bozza f'Has Saptan u staqsa lis-Sindku JC fhiex wasal il-proċess.

52.4.5.1. Is-Sindku informa li l-applikazzjoni saret.

52.4.6. Il-Kunsilliera LAG għamlet referenza għall-ħruġ ta' skart f'ħinijiet barra l-iskeda fi Triq in-Noqra u rrimarkat li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess allavolja l-Kunsill ġibed l-attenzjoni permezz ta' korrispondenza lir-residenti.

52.4.7. Il-Kunsilliera JBD staqsiet meta ser isir l-asfaltar ta' Triq tal-Papa kif kellu jsir minn Transport Malta.

52.4.7.1. Is-Sindku informa li m'għandux id-dettalji.

52.4.8. Il-Kunsilliera JBD issuġġerit li jsiru ħwat u pjanti fil-*prominade* tal–Qajjenza.

52.4.8.1. Il-Kunsill qabel.

52.4.9. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li fil-bajja ż-żgħira tal-Qajjenza fejn qabel kienu jniżżlu ż-żwiemel, hemm xi ħadid sporġut il fuq mir-ramel.

52.4.9.1. Is-Sindku informa li ser jgħaddi r-rapport, iżda sfortunatament, dawn mhux dejjem ikunu jidhru.

52.4.10. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li wara li ġie organizzat il-*Weekend Break* tal-Kunsill, ġiet a konoxxenza li l-organizzaturi ta' Milied fil-Pjazza ser itellgħu l-attivita' tagħhom fl-istess ġranet ta' din l-attivita'. Hija rrimarkat li dan sar minħabba li l-Kunsill ma kienx infurmat dwar iċ-ċaqliq tal-attivita' Milied fil-Pjazza.

52.4.10.1. Il-Kunsill qabel li jibqa' kollox kif pjanat.

52.4.11. Il-Kunsilliera JBD staqsiet is-Sindku, għala il-*merry-go-round* ta' Ġnien Profs Anton Tabone ma nbidlitx kif deċiż mill-Kunsill.

52.4.11.1. Is-Sindku informa li huwa sab min kien lest li jirranġaha.

52.4.11.2. Il-Kunsill innota li din m'għandiex tiġi irranġata għax xorta tibqa' perikoluża, iżda għanda tinbidel kif diġa' deċiż mill-Kunsill stess.

52.4.12. Il-Kunsilliera JBD staqsiet is-Sindku dwar l-impjant tal-Qajjenza u rrimarkat li hemm bzonn tindif. Hija fakkret fin-nirien li kien hemm ftit tal-ġranet qabel f'dan il-post.

52.4.12.1. Is-Sindku informa li diġa' saret talba sabiex dan jitnaddaf. Huwa informa wkoll li saret talba sabiex dan l-ispazju jintuża aħjar, bħal parkeġġ

52.4.13. Il-Kunsillier JBO talab lis-Sindku dwar il-possibbiltà' li jsiru linji ta' parkeġġ fi Triq il-Kitarristi.

52.4.13.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsiru linji kif mitlub.

52.4.14. Il-Kunsillier JBO talab lis-Sindku dwar il-possibbiltà li jinbidlu *pots* tal-qsari imkissrin fil-Qajjenza. Is-Sindku informa li diġà ingħataw l-istruzzjonijiet biex isir il-bdil. Il-Kunsill qabel ukoll li jinbidlu l-pjanti li mietu.

52.4.15. Il-Kunsillier JBO staqsa lis-Sindku min suppost inaddaf artijiet mhux żviluppati.

52.4.15.1. Is-Sindku informa li jekk huma privati, dawn iridu jitnaddfu mis-sid.

52.4.16. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li jsiru minn issa t-tabelli fi Triq Żarenu Dalli li jindikaw l-għeluq tat-triq waqt il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola.

52.4.16.1. Il-Kunsill qabel.

52.4.17. Il-Kunsillier SZ irrimarka għaż-żona tal-Girgħien u staqsa x'ser ikun l-iżvilupp komplessiv.

52.4.17.1. Huwa kien infurmat li din l-informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit tal-Awtorità tal-Ippjanar.

52.4.18. Il-Kunsillier SZ irrimarka li fl-iżvilupp taż-żona tal-Girgħien, is-servizzi oriġinarjament kellhom jgħaddu minn taħt il-bankina, iżda f'daqqa waħda bdew isiru *overheads.* Huwa irrimarka li huwa tajjeb jekk issir verifika mal-Enemalta dwar dan.

52.4.19. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk hemmx indikazzjoni dwar meta ser isiru t-toroq fl-iżvilupp li qed isir fiż-żona tal-Girgħien.

52.4.19.1. Huwa kien infurmat li dawn isiru minn Transport Malta, meta jitlesta l-kostruzzjoni preżenti, sakemm jintlaħqu l-kriterji stabbiliti mill-istess Awtorita'.

52.4.20. Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm bżonn issir lista ta' toroq skont il-prijoritajiet ta' kif għandhom isiru, liema lista tintbagħat lil Infrastructure Malta.

52.4.21. Il-Kunsillier SZ irrimarka dwar il-vetturi li qed jibqgħu neżlin fuq il-*Prominade*, kemm minn naħa tal-Anġolina, fejn il-vetturi qed jibqgħu parkeġġati fuq is-simenta, kif ukoll in-naħa l-oħra fejn il-Water's Edge, fejn qed jibqgħu neżlin sal-*Prominade*.

52.4.21.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel, eskluża l-Kunsilliera JBD li jitla' ċint fejn il-Water's Edge, sabiex il-vetturi ma jinżlux iktar hemm.

52.4.21.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru t-tabelli n-naħa tal-Anġolina, u r-residenti ikollhom permess speċjali.

52.4.22. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-parkeġġ eżistenti ta' Wied il-Buni, u staqsa x'ser jagħmel il-Kunsill meta l-Kunsill għandu l-pjanti approvati għall-użu ta' parkeġġ, u fl-istess waqt, il-Freeport applika sabiex dan l-ispazju isir spazju pubbliku.

52.4.22.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Konrad Mizzi sabiex tiġi diskussa din il-materja.

52.4.23. Il-Viċi Sindku JB staqsa x'ser jagħmel il-Kunsill dwar il-parkeġġ li qed isir max-xatt, fil-parti ta' fejn tinsab il-binja tal-Kunsill.

52.4.23.1. Il-Kunsill innota li tali użu ta' spazju għall-parkeġġ irriżulta f'madwar għaxar spazji ġodda.

52.4.23.2. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħalla.

52.4.24. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar ix-xogħlijiet ta' bdil ta' *mains* tal-ilma u drenaġġ f'Birżebbuġa, partikularment dawk li jaffettwaw Triq Għar Dalam, u talab li l-Kunsill jitlob pjan ta' kif ser isiru x-xogħlijiet, sabiex ma jkunx hemm għeluq ta Triq Għar Dalam u Triq Birżebbuġa.

52.4.24.1. Il-Kunsill qabel.

## 52.5 Rapporti;

52.5.1. Il-Kunsillier AC irrapporta dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti minn EGEA Malta, fejn ser iwettqu studji dwar Birżebbuġa, u li talbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex ikun f'pożizzjoni li jwettqu l-proġett.

52.5.1.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li jipparteċipa bi spiża ta' mhux aktar minn €500.

## 52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

52.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

52.7.1. Il-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 08/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

52.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsillier AC , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

52.7.2. Il-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Lulju 2018 bir-riferenza 07/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

52.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 52.8 Mozzjonijiet;

52.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 52.9 Skema Restawr ta' Postijiet u Monumenti Storiċi;

52.9.1. Is-Sindku JC informa li kif maqbul mill-Kunsillieri, l-Kunsill ressaq applikazzjoni fejn irrakkomanda ir-Ridott ta' San Ġorġ.

52.9.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet għala saret applikazzjoni fuq ir-ridott u mhux fuq is-Sur ta' Wied il-Buni. Hija kienet infurmata li l-applikazzjoni saret skont il-preferenza tal-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill.

52.9.3. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li s-Sur ta' Wied il-Buni għandu jiġi irranġat minħabba l-istat ta' periklu li qiegħed.

## 52.10 Ġbir ta' Skart Organiku;

52.10.1. Is-Sindku ressaq l-informazzjoni fuq din il-materja permezz ta' korrispondenza minn Wasteserv, liema informazzjoni ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

52.10.1.1. Il-Kunsill qabel li l-iskeda ta' ġbir għandha tkun kif rakkomandata fil-korrispondenza.

## 52.11 Traffiku u Parkeġġ;

52.11.1. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar talba li rċieva minn numru ta' residenti fi Triq San Ġużepp, fejn irrimarkaw sewqan eċċessiv, partikularment fil-parti ta' fuq tat-triq, kantuniera ma' Triq Santa Rita (in-naħa ta' Triq il-Port Ħieles).

52.11.1.1. Il-Kunsill qabel li għandu jsir disinn ta' *sleeping policemen* sabiex jitnaqqas dan l-abbuż.

## 52.12 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

52.12.1. Il-Kunsill innota aġġustament fuq applikazzjoni bin-numru PA 00193/17 li tirrigwarda xi modifiki fil-parti ta' fuq tar-ristorant tal-Waterpolo club.

52.12.1.1. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjonijiet.

## 52.13 Street Lighting;

52.13.1. Il-Kunsillier SZ ressaq proposta sabiex issir bozza fi Triq San Ġorġ.

52.13.1.1. Il-Kunsill qabel.

52.13.2. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li Misraħ il-Knisja huwa mudlam.

52.13.2.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jipprepara proposta sabiex jiżdiedu l-bozoz tat-triq.

## 52.14 Attivitajiet tal-Kunsill;

52.14.1. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' ta' Jum Birżebbuġa.

52.14.1.1. Minħabba li l-Kunsilliera JBD ser tkun imsiefra, il-Kunsill qabel li l-x-xogħol tal-programm jitkompla mill-Kunsillier AC.

52.14.1.2. Il-Kunsill qabel dwar il-formazzjoni tal-bord skont kif jitolbu ir-regolamenti. Il-Kunsill innomina s-Sindku JC biex ikun rappreżentant fuq il-Bord tal-Għazla tan-nomini.

52.14.1.3. Il-membri tal-Kunsill innominaw diversi persuni u ttieħdet nota tal-ismijiet.

52.14.1.4. Il-Kunsill qabel li n-nomini riċevuti mill-pubbliku, mill-għaqdiet u mill-Membri tal-Kunsill, jgħaddu lill-bord tal-evalwazzjoni għall-kunsiderazzjoni.

52.14.1.5. Il-Kunsillier AC ippropona li l-Unur Ġieħ Birżebbuġa jingħata lill-Viċi Sindku JB, li għalaq 25 sena servizz bħala membru fil-Kunsill Lokali, fejn dejjem ta servizz għall-ġid komuni tal-komunita'.

52.14.1.5.1. Il-Viċi Sindku JB iddikjara li huwa ser jastjeni mill-vot, kif ukoll astjena milli jipparteċipa fid-diskussjoni.

52.14.1.5.2. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-unur jingħata lill-Viċi Sindku JB, għar-raġunijiet imsemmija.

52.14.2. Il-Kunsill tkellem dwar l-attivita' tar-Regatta f'Birżebbuġa.

52.14.2.1. Is-Sindku nforma li saru numru ta' laqgħat diġà sabiex jiġi imfassal il-programm. Is-Sindku informa li ser issir laqgħa mal-Presidenti tal-għaqdiet involuti.

52.14.2.2. Il-Kunsill qabel li jitqabbad koordinatur tal-attivita', bħas-sena l-oħra.

## 52.15 Girgħien Development Brief

52.15.1. Is-Sindku JC talab lill-Kunsilliera jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom.

52.15.2. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li tinbidel il-pjanta tal-Bianca *(hedge)* tal-Bajja s-Sabiħa u minflok isir *railing* ta l-*istainless steel*, u *pots* bi pjanti kull ċertu distanza. Il-Kunsill qabel.

## 52.16 Offerti Pubbliċi;

52.16.1. Is-Sindku ressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal- evalwazzjoni għall-Offerta ta' Xiri ta' Vettura b'emissjonijiet baxxi, bir-riferenza BLC/T/7/2018

52.16.1.1. Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

52.16.2. Is-Sindku informa li l-offerta għas-servizz ta' trasport għall-anzjani tagħlaq fit-30 t'Awwissu 2018.

52.16.3. Is-Sindku informa li l-offerta għall-xiri ta' vettura ġdida tagħlaq fit-3 ta' Settembru 2018.

52.16.4. Is-Sindku informa li l-offerta għall-twaħħil ta' dwal dekorattiv fil-Bajja s-Sabiħa tagħlaq fit-13 ta' Settembru 2018.

52.16.5. Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt ma' Polidano Group.

52.16.5.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li ma jistax ikun li l-kuntrattur jiddetta.

52.16.5.2. Il-Kunsill qabel li jingħata sal-Ġimgħa 7 ta' Settembru biex jibda x-xogħol, u jekk dan ma jseħħx, tinġibed il-garanzija bankarja.

52.16.6. Is-Sindku informa li l-offerta għall-asfaltar ta' Triq il-Brolli, tagħlaq fil-5 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill innota li din tiġi evalwata skont l-eżitu mal-kuntrattur Polidano Group.

**8.30 pm: Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tiġi estiża sa massimu ta' siegħa.**

## 52.17 Indafa fil-Lokalita';

52.17.1. Il-Kunsillier JBO innota li s-servizz ta' ġbir ta' iskart, tjib kif kien mistenni hekk kif il-kuntrattur qed jidra x-xogħol. Madankollu huwa irrimarka li dejjem jibqa' jkun hemm min ma jaderixxix mal-proċeduri u l-iskeda li jaddotta l-Kunsill. Huwa tenna li din il-problema tista' tiġi kontrollata permezz ta' kameras tas-sigurta'.

## 52.18 Ġemellaġġi;

52.18.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li kif maqbul, huwa qed jagħmel kuntatt ma' persuni inkarigati mill-ġemellaġġ fil-lokalita' ta' El Verger, Spanja sabiex possibbilment isir ġemellaġġ. Huwa informa li l-applikazzjoni għall-fondi ewropej li jmiss ma kienx possibbli li tiġi konkluża, u għalhekk ser ikompli jaħdem sabiex il-Kunsill jipparteċipa fl-applikazzjonijiet ta' Marzu li jmiss.

## 52.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

52.19.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn l-1 ta' Ottubru, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 1 ta' Ottubru, 2018.

[Iffirmati]

Joseph Baldacchino
Viċi- Sindku
(għas-Sindku)

[Iffirmati]

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv